

# S 5.3 MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS

**S5.3.3**
Inqabblu l-metodi li bihom kienu jinbnew id-djar Maltin fil-passat mal-metodi li jintużaw illum.

**A. Aqra, imbagħad wieġeb skont kif mitlub.**



L-ewwel ritratt jurina boċċi kbar tal-ġebel li sibna f'diversi tempji megalitiċi. Sibna minn dawn il-boċċi kbar tal-ġebel, kemm Ħal Tarxien kif ukoll Ħaġar Qim. Bħalma nafu, it-tempji megalitiċi ġew mibnija b'ġebel kbir ħafna. Fil-fatt il-kelma '**megalitiku**' tfisser '**mibnija b'ġebel kbir'**.



It-tieni stampa hija fil-fatt tpenġija. Din it-tpenġija tinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta. L-artist qiegħed jipprova jurina kif naħsbu li kienu jġorru dan il-ġebel kbir.

1. Ħares lejn it-tpenġija, u għid kif kienu jġorru dan il-ġebel kbir megalitiku
   a) kienu jerfgħuh fuq spallejhom.
   b) kienu jirrumblawh fuq il-boċċi kbar tal-ġebel.
   ċ) kienu jużaw il-krejnijiet.



2. Illum il-ġebel naqtgħuh u nġibuh
   a) mill-barrieri b) mill-pjazez
   ċ) minn qiegħ il-baħar

3. Ġebla waħda maqtugħa forma ta' blokka lixxa bħalma tidher fl-istampa tal-lemin, insejħulha

a) kantun b) balavostra ċ) gallarija

4. Illum il-ġebel

a) naqtgħuh iżgħar minn qabel biex jinġarr fuq l-ispalla.

b) naqtgħuh kbir bħal tat-tempji megalitiċi.

ċ) naqtgħuh żgħir biex ikunu jistgħu jġorruh tfal ta' 6 snin.

5. Id-dar fl-istampa tal-lemin hija mibnija

a) biż-żonqor.

b) bl-injam.

ċ) bil-ġebla tal-franka.



6. Id-dar li tidher fl-istampa

a) fiha sular wieħed.

b) fiha żewġ sulari.

ċ) fiha iktar minn żewġ sulari.



7. Biex nibnu bini għoli ħafna, illum nużaw

a) it-tfal.

b) il-krejnijiet.

ċ) l-injam.

8. Fil-bini għoli ħafna bħal tal-istampa, jintuża ħafna

a) tafal b) blat ċ) konkrit